VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 21 tal-2020

ATT DWAR IS-SALARJI TAL-IMĦALLFIN U TAL-MAĠISTRATI (KAP. 175)

Ordni tal-2020 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-Imħallfin u Maġistrati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Att dwar is-Salarji tal-Imħallfin u tal-Maġistrati, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru, għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2020 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-Imħallfin u tal-Maġistrati, u għandu jitqies li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2020.

Reviżjoni tas-salarji ta' Prim Imħallef, Imħallfin oħra u Maġistrati. Kap. 175.

2. Għandu jitħallas lid-detenuti tal-karigi speċifikati fl-ewwel kolonna tal-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni, minflok is-salarji stabbiliti bl-artikolu 2 tal-Att, is-salarji fis-sena rispettivament speċifikat għal kull waħda minn dawk il-karigi fit-tieni kolonna ta' din l-Iskeda.

SKEDA
(Artikolu 2)

	2020	
	Paga Bażika	*Cash Payment*
Prim Imħallef	€65,890	€511
Imħallfin oħra.....	€58,723	€455
Maġistrati tal-Qorti Inferjuri.....	€51,787	€401